REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1212/2012

tas-17 ta' Diċembru 2012

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 917/2004, (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 748/2008, (KE) Nru 810/2008 u (KE) Nru 610/2009 fir-rigward tal-obbligi ta' notifika fi ħdan l-organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 192(2) flimkien mal-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 tal-31 ta' Awwissu 2009 li jistipula regoli dettaljati għan-notifiki tal-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar informazzjoni u dokumenti fl-implimentazzjoni tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq, l-iskema tal-pagamenti diretti, il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli u s-sistemi applikabbli għar-reġjuni l-aktar imbiegħda u l-gżejjer iż-żgħar tal-Eġew ([2]), jistipula regoli komuni għan-notifika ta' informazzjoni u dokumenti mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri lill-Kummissjoni. Dawn ir-regoli jkopru partikolarment l-obbligu għall-Istati Membri li jużaw is-sistemi ta' informazzjoni magħmula disponibbli mill-Kummissjoni u l-validazzjoni tad-drittijiet tal-aċċess tal-awtoritajiet jew l-individwi awtorizzati biex jibagħtu n-notifiki. Minbarra dan, ir-Regolament jistabbilixxi prinċipji komuni li japplikaw għas-sistemi ta' informazzjoni sabiex ikunu ggarantiti l-awtenticità, l-integrità u l-leġġibbiltà tul iż-żmien tad-dokumenti u jipprovdi għall-protezzjoni tad-dejta personali.

(2) Skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009, l-obbligu li jintużaw is-sistemi ta' informazzjoni skont dak ir-Regolament għandu jiġi pprovdut fir-Regolamenti li jistabbilixxu obbligu ta' notifika speċifiku.

(3) Il-Kummissjoni żviluppat sistema ta' informazzjoni li tippermetti l-immaniġġjar tad-dokumenti u l-proċeduri b'mod elettroniku fi ħdan il-proċeduri ta' ħidma interni tagħha u fi ħdan ir-relazzjonijiet tagħha mal-awtoritajiet involuti fil-politika agrikola komuni.

(4) Huwa kkunsidrat li diversi obbligi ta' notifiki jistgħu jitwettqu permezz ta' dik is-sistema skont ir-Regolament (KE) Nru 792/2009, b'mod partikolari dawk ipprovduti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2535/2001 tal-14 ta' Diċembru 2001 li jipprovdi regoli dettaljati biex ikun applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 rigward l-arranġamenti tal-importazzjoni tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u biex jinfetħu kwoti tat-tariffa ([3]), (KE) Nru 917/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar ir-regoli dettaljati għall-implementazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 797/2004 rigward il-miżuri għat-titjib tal-kondizzjonijiet ġenerali għall-produzzjoni u l-marketing ta' prodotti tal-apikoltura ([4]), (KE) Nru 382/2008 tal-21 ta' April 2008 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni għal-liċenzji tal-importazzjoni u tal-esportazzjoni fis-settur tal-laħam taċ-ċanga u l-vitella ([5]), (KE) Nru 748/2008 tat-30 ta' Lulju 2008 dwar il-ftuħ u l-amministrazzjoni ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni għal falda rqiqa friżata ta' annimali bovini fi ħdan il-kodiċi tan-NM 0206 29 91 ([6]), (KE) Nru 810/2008 tal-11 ta' Awwissu 2008 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' kwoti tariffarji għaċ-ċanga friska ta' kwalità għolja, imkessħa u friżata, u għal-laħam tal-buflu friżat ([7]) u (KE) Nru 610/2009 tal-10 ta' Lulju 2009 li jistipula regoli dettaljati tal-kwota tariffarja fuq iċ-ċanga u l-vitella li joriġinaw fiċ-Ċili ([8]).

(5) Fl-interess tal-amministrazzjoni effiċjenti u meta tiġi kkunsidrata l-esperjenza, uħud min-notifiki għandhom jew jiġu ssimplifikati u speċifikati jew imħassra f'dawk ir-Regolamenti.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 2535/2001, (KE) Nru 917/2004, (KE) Nru 382/2008, (KE) Nru 748/2008, (KE) Nru 810/2008 u (KE) Nru 610/2009 għandhom għalhekk jiġu emendati kif meħtieġ.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2535/2001 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-listi tagħhom ta' importaturi approvati maqsuma skont l-importaturi approvati li taw il-kunsens tagħhom skont il-paragrafu 2 u l-importaturi approvati l-oħra. Dik in-notifika għandha jkollha n-numru ta' approvazzjoni, l-isem, l-indirizz, in-numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku tal-importaturi approvati."

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3.
([3]) ĠU L 341, 22.12.2001, p. 29.
([4]) ĠU L 163, 30.4.2004, p. 83.
([5]) ĠU L 115, 29.4.2008, p. 10
([6]) ĠU L 202, 31.7.2008, p. 28.
([7]) ĠU L 219, 14.8.2008, p. 3.
([8]) ĠU L 180, 11.7.2009, p. 5.

(2) L-Artikolu 39 jitħassar.

(3) Fl-Artikolu 40, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tas-sorveljanza mwettqa għal kull tliet xhur taħt l-Anness IV sal-10 jum tax-xahar ta' wara. Dik in-notifika għandha tinkludi t-tagħrif li ġej:

(a) tagħrif ġenerali:

(i) isem il-manifattur tal-butir;

(ii) il-kodiċi ta' identifikazzjoni tal-lott;

(iii) id-daqs tal-lott f'kg;

(iv) id-data tal-kontrolli (jum/xahar/sena);

(b) kontrolli fuq il-piż:

(i) id-daqs tal-kampjuni każwali (numru ta' kartun);

(ii) id-dejta fir-rigward tal-medja:

— il-medja aritmetika tal-piż nett għal kull kartuna f'kg (kif speċifikat fiċ-ċertifikat tal-IMA 1- kaxxa 9),

— il-medja aritmetika tal-piż nett tal-kampjuni tal-kartun f'kg,

— jekk il-medja aritmetika tal-piż nett iddeterminata fl-Unjoni turi differenza sinifikanti għall-valur iddikjarat (N= le, Y = iva);

(iii) id-dejta fir-rigward tad-devjazzjoni standard:

— id-devjazzjoni standard tal-piż nett għal kull kartuna f'kg (kif speċifikat fiċ-ċertifikat tal-IMA 1- kaxxa 9),

— id-devjazzjoni standard tal-piż nett tal-kampjuni tal-kartun (kg),

— jekk id-devjazzjoni standard tal-piż nett iddeterminata fl-Unjoni turi differenza sinifikanti għall-valur iddikjarat (N= le, Y = iva);

(c) kontrolli tal-kontenut tax-xaħam:

(i) id-daqs tal-kampjuni każwali (numru ta' kartun);

(ii) id-dejta fir-rigward tal-medja:

— il-medja aritmetika tal-kontenut tax-xaħam tal-kampjuni tal-kartun f'% ta' xaħam,

— jekk il-medja aritmetika tal-kontenut tax-xaħam iddeterminata mill-Unjoni taqbiżx l-84.4 % (N= le, Y = iva)."

(4) L-Artikolu 45 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 45*

Fi ħdan il-qafas tal-kwoti tat-tariffa ta' importazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni libera, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006."

(5) Għandu jiżdied l-Artikolu 45a li ġej:

"*Artikolu 45a*

In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament, minbarra dawk imsemmija fl-Artikolu 15, l-Artikolu 35a(1) u l-Artikolu 45, għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

(6) L-Annessi V u XIV jitħassru.

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 917/2004 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 1*

Il-programmi nazzjonali referuti fl-Artikolu 105 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 (*) (minn hawn il-quddiem magħrufa bħala "il-programmi tal-apikoltura") għandhom:

(a) jiddeskrivu s-sitwazzjoni tas-settur billi jagħmluha possibbli li jkunu aġġornati regolarment id-dettalji strutturali fl-istudju msemmi fl-Artikolu 107 tar-Regolament (KE) Nru 1234/2007, billi jkopru b'mod partikolari dawn li ġejjin:

(i) l-għadd totali ta' sigħat;

(ii) l-għadd ta' persuni professjonali li jrabbu n-naħal b'aktar minn 150 doqqajs il-wieħed;

(iii) l-għadd totali ta' doqqajs;

(iv) il-produzzjoni tal-għasel;

(v) il-lista tal-għanijiet tal-programm;

(b) jagħtu deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri involuti, bin-nefqa kkalkolata u l-pjan tal-finanzjament imqassma skont is-sena fuq il-livell nazzjonali u reġjonali, skont l-intestaturi li ġejjin:

(i) l-għajnuna teknika lill-persuni li jrabbu n-naħal;

(ii) il-kontroll tal-varroasis,

(iii) ir-razzjonalizzazzjoni tat-transumanza;

(iv) l-analiżi tal-għasel;

(v) ir-ripopolazzjoni tad-doqqajs;

(vi) il-programmi ta' riċerka applikata;

(c) jirreferu għal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi applikabbli;

(d) jelenkaw l-organizzazzjonijiet rappreżentattivi u l-kooperattivi tat-trobbija tan-naħal li jkunu kkollaboraw mal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-tħejjija tal-programmi tal-apikoltura;

(e) jistabbilixxu arranġamenti tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni għall-programm tal-apikoltura.

(*) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1."

(2) Fl-Artikolu 6, it-tielet paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Sal-15 ta' Diċembru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'sommarju tal-implimentazzjoni tan-nefqa mqassma skont l-intestaturi msemmija fl-Artikolu 1(b)."

(3) Għandu jiżdied l-Artikolu 6a li ġej:

"*Artikolu 6a*

In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

Artikolu 3

Ir-Regolament (KE) Nru 382/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 6 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 6*

1. Sa mhux aktar tard mill-għaxar jum ta' kull xahar, l-Istati Membri għandom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott jew f'għadd ta' rjus, imqassmin skont il-pajjiż tal-oriġini, tal-prodotti li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fix-xahar ta' qabel, f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota.

2. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena, l-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-kwantitajiet tal-prodotti, f'kilogrammi ta' piż tal-prodott jew f'għadd ta' rjus, imqasmin skont il-pajjiż tal-oriġini, tal-prodotti li għalihom ikunu nħarġu liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu mill-1 ta' Lulju tas-sena ta' qabel sat-30 ta' Ġunju ta' dik is-sena li ma jkunux intużaw f'dak li għandu x'jaqsam mal-importazzjonijiet li ma jkunux fil-kwota.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li jkunu tqiegħdu fiċ-ċirkulazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 (*).

(*) ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13."

(2) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

In-notifiki msemmija fl-Artikolu 6(1) u (2) għandhom isiru bl-użu tal-kategoriji tal-prodotti indikati fl-Anness V."

(3) L-Artikolu 16a jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 16a*

In-notifiki msemmija f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 6(3) għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

(4) L-Annessi II, III u IV jitħassru.

Artikolu 4

Ir-Regolament (KE) Nru 748/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 8, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Sa mhux aktar tard mis-17-il jum tax-xahar li fih jitressqu l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali koperta mill-applikazzjonijiet għal kull pajjiż tal-oriġini.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mill-25 jum u sa mhux aktar tard minn tmiem ix-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet."

(2) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafi 1 u 2 għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

"1. B'deroga mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni:

(a) sa mhux aktar tard mill-10 ta' Awwissu, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fix-xahar preċedenti, fir-rigward tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(b) ta' dan ir-Regolament;

(b) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awwissu wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, li għalihom ikunu nħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni fil-perjodu preċedenti tal-kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, fir-rigward tal-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3)(a) ta' dan ir-Regolament;

(c) sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru wara t-tmiem ta' kull perjodu tal-kwota ta' tariffa tal-importazzjoni, dwar il-kwantitajiet ta' prodotti, inklużi prospetti nulli, koperti b'liċenzji tal-importazzjoni li ma ntużawx jew li ntużaw biss parzjalment u li jikkorrispondu għad-differenza bejn il-kwantitajiet imniżżla fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzji tal-importazzjoni u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkulazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006."

(b) Fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"In-notifiki dwar il-kwantitajiet imsemmija fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

(3) L-Annessi IV, V u VI jitħassru.

Artikolu 5

Ir-Regolament (KE) Nru 810/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 5, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. Sa mhux aktar tard mill-10 jum tax-xahar li fih jitressqu l-applikazzjonijiet, l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-kwantità totali koperta mill-applikazzjonijiet skont il-pajjiż tal-oriġini.

3. Il-liċenzji tal-importazzjoni għandhom jinħarġu mis-17-il jum u sa mhux aktar tard mill-21 jum tax-xahar li fih ikunu tressqu l-applikazzjonijiet. Kull liċenzja li tinħareġ għandha tispeċifika l-kwantità kkonċernata skont il-kodiċi tan-NM jew il-grupp ta' kodiċijiet tan-NM."

(2) L-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006."

(b) Fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"In-notifiki dwar il-kwantitajiet imsemmijin fl-Artikolu 1(1)(b) u (c) u fl-Artikolu 2(a) sa (e) u (g) ta' dan ir-Regolament għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*).

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

(3) L-Annessi IV, V u VI jitħassru.

Artikolu 6

Ir-Regolament (KE) Nru 610/2009 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 jinbidlu b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bid-dettalji tal-kwantitajiet tal-prodotti li tqiegħdu f'ċirkolazzjoni ħielsa skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1301/2006.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 792/2009 (*) u għandhom jintużaw il-kategoriji tal-prodotti indikati fl-Anness V tar-Regolament (KE) Nru 382/2008.

(*) ĠU L 228, 1.9.2009, p. 3."

(2) L-Annessi V, VI u VII jitħassru.

Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO